



Brussell, 12 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6841/18

LIMITE

JUR 105
COMAR 5
COJUR 4
ENV 156

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5171/18 COMAR 1 JUR 10 COJUR 1 ENV 8 + ADD1
Suġġett:	BIJODIVERSITÀ TAL-BAĦAR FIŻ-ŻONI 'L BARRA MILL-ĠURISDIZZJONI NAZZJONALI (UNCLOS) - abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati, f'isem l-Unjoni, fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali - abbozz ta' Direttivi għan-negozjati fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

1. Fl-4 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("il-BBNJ").¹
2. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet eżaminata mil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR) fil-25 ta' Jannar 2018 u fit-28 ta' Frar 2018.

¹ Dok. 5171/18 + ADD 1.

3. Fil-25 ta' Jannar 2018 il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR) iddiskuta d-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta u d-direttivi ta' negozjar kif jinsabu fir-Rakkomandazzjoni. Huwa qies li t-test tad-deċiżjoni u tad-direttivi ta' negozjati għandu jiġi allinjat kemm jista' jkun possibbli mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/455 tat-22 ta' Marzu 2016 li tawtorizza l-bidu ta' negozjati dwar l-elementi tal-abbozz ta' test tal-istrument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS), u mad-direttivi ta' negozjati (dok. 6862/16 ADD1), li ġew adottati għall-finijiet tan-negozjati tal-BBNJ waqt il-Kumitat Preparatorju. Il-Grupp ta' Ħidma qabel li jżid bażi legali sostantiva mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, biex jaħtar lill-COMAR bħala kumitat speċjali li b'konsultazzjoni miegħu jridu jitwettqu n-negozjati, biex jiġu inklużi premissi u dispożizzjonijiet, filwaqt li jenfasizza n-natura mħallta tan-negozjati u d-dmir marbut ta' kooperazzjoni leali kif ukoll il-lingwa li tillimita l-awtorizzazzjoni tan-negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, għall-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea li diġà tħaddmu internament.
4. Fit-28 ta' Frar 2018 il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni u li dwarhom l-Unjoni adottat regoli, fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti skont l-UNCLOS dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali. Fl-istess laqgħa ntlaħaq ukoll qbil dwar l-abbozzi ta' Direttivi għan-negozjati.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati, fisem l-Unjoni, fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali kif jinsab fid-dok. 6698/18 JUR 95 COMAR 3 COJUR 3 ENV 140;
- jaqbel dwar id-Direttivi għall-bidu ta' negozjati fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali li jinsabu fid-dok. 7008/18 JUR 120 COMAR 6 COJUR 5 ENV 167.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi mġarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u d-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.
